MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Rikors Kongunt Numru. 202/2014

**AB**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' divorzju kongunt tal-partijiet li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

1. Illi huma kienu zzewwgu fis-sitta u ghoxrin ta’ Novembru, tas-sena elf disa mija erbgha u disghin (26.11.1994) (Dok A);
2. Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa minn Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u ghalhekk ilhom aktar minn erba’ (4) snin ma jghixu taht l-istess saqaf;
3. Illi miz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal u cioe’ M nhar is-sitta ta Ottubru tas-sena elf disa’ mija sebgha u disghin (06-10-1997) u Krista nhar l-ewwel ta’ Frar tas-sena elfejn (01.02.2000), liema tfal jghixu t-tifel mal-missier u recentement it-tifla bdiet tghix ma l-omm;
4. Illi ma hemmx kwistjonijiet dwar manteniment bejniethom;
5. Illi huma jixtiequ jipprocedi ghal divorzju;
6. Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewwgin;
7. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu b’dan ir-rikors permezz ta’ digriet datat 9 ta’ April 2014 hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

Talbu in vista tas-suespost lil din il-Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun:

1. Tippronunzja l-hall ta’ zwieg li gie celebrat mill-partijiet fis-sitta u ghoxrin ta’ Novembru, tas-sena elf disa mija erbgha u disghin (26.11.1994);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Mejju, 2014;

Rat l-affidavits bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi huma ghaddew mill-procedura ta’ medjazzjoni, ma intlahaqx ftehim u ghalhekk inghalqet il-medjazzjoni u illi ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn erba’ snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------